MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Avviz Numru. 174/2008

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Leonard Caruana (ID 224349M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames t'elef u sebgha mitt Euro u disgha u disghin centezmu (€5700.99), ekwivalenti ghal valuta antika ta' elfejn erbgha mija sebgha u erbghin Lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm2447.44) rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21231271 (AT1318/69 – AC10048181).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A, Dok B u Dok C a fol 2 sa fol 4 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-1 ta' April 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5700.99 ekwivalenti ghal Lm2447.44 bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' April 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------